

32006D0340

12.5.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 125/43

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-8 ta' Mejju 2006**

li temenda d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2001/171/KE bil-għan li ttawwal il-validità tal-kundizzjonijiet għal deroga għall-imballaġġ tal-ħġieġ fir-rigward tal-livelli ta' konċentrazzjoni ta' metall tqil stabbiliti fid-Direttiva 94/62/KE

**(innotifikata taħt id-dokument numru C(2006) 1823)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2006/340/KE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 11(3) tagħha,

Billi:

- (1) Id-deroga stipulata fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/171/KE² għall-imballaġġ tal-ħġieġ fir-rigward tal-livelli ta' konċentrazzjoni ta' metall tqil stabbiliti fid-Direttiva 94/62/KE tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2006.
- (2) Il-konformità mal-limitu ta' 100 ppm madwar il-Komunità, stabbilit fl-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 96/62/KE, tista' tintlaħaq biss permezz ta' tnaqqis tar-rata tar-riċiklaġġ tal-ħġieġ; madankollu, mil-lat ambjentali, tali tnaqqis mhux mixtieq.
- (3) Għaldaqstant, il-validità tad-Deċiżjoni 2001/171/KE għandha tittawwal mingħajr ma tingħata data oħra ta' skadenza.
- (4) Il-miżuri pprovvduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 94/62/KE,

¹ ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2005/20/KE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 17).

² ĠU L 62, 2.3.2001, p. 20.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/171/KE għandu jitħassar.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, it-8 ta' Mejju 2006.

Għall-Kummissjoni

Stavros DIMAS

Membri tal-Kummissjoni